MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tad-9 ta' April, 2014

Talba Numru. 765/2013

**Vodafone Malta Limited [C-10865]**

**Vs**

**Shirley MALLIA [ID. Nru. 30773M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fil-25 ta' Novembru, 2013** u li permezz taghha talbet lill-intimata thallasha s-somma ta' elf, tlett mija u hamsin euro u hames ċenteżmi ta' euro [€1,350.05] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Il-konvenuta ghandha tiġi kkundannata thallas l-ammont ta' elf, tliet mija u hamsin euro u hames ċenteżmi (€1,350.05) rappreżentanti ammont dovut lis-socjeta attriċi ghas-servizzi u prodotti provduti lill-

istess konvenuta abbażi ta’ ftehim bejn il-kontendenti, u dan kif jirrizulta mir-rendikont hawn anness u mmarkat bhala Dok. VF 1.

ILLI, minkejja il-konvenuta ġiet interpellata diversi drabi b’talba ghall-pagament effettiv tal-ammont hawn reklamat, hi baqghet inadempjenti bil-konsegwenza illi kellha tiġi adottata din il-procedura.

Bl-ispejjez, inkluż dawk referibbli ghall-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju preżentat kontestwalment ma’ din it-talba, u bl-imghax legali mid-data ta’ meta l-ammont reklamat sar dovut sad-data tal-pagament effettiv tal-istess ammont, kontra l-konvenuta illi hija, minn issa, ngunta ghas-subizzjoni taghha”.

Ra n-nota tas-socjeta rikorrenti ppreżentata fis-seduta tad-9 ta’ April, 2014 fejn it-Talba ġiet ridotta ghas-somma ta’ mija sitta u erbghin euro u disgha u tmenin ċenteżmi ta’ euro [€146.89].

Ra li fl-istess seduta l-intimata fuq mistoqsija tat-Tribunal ammettiet li hija ghandha taghti lis-socjeta attriċi is-somma hawn fuq reklamata, hekk kif ridotta, u cioe l-ammont ta’ mija sitta u erbghin euro u disgha u tmenin ċenteżmi ta’ euro.

Ra li Dr. Andre Portelli ghas-socjeta rikorrenti, in vista ta’ din l-ammissjoni ta’ l-intimata, talab lit-tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimata tas-somma ta' €1,350.05c a bażi ta' ftehim milhuq bejn il-kontendenti.

2. Tul il-proceduri, s-socjeta rikorrenti resqet nota ta' riduzzjoni u dan peress li presumibbilment, l-intimata ghamlet pagament akkont. L-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti minghand l-intimata, wara l-prezentata ta' dik in-nota issa gie ghal €146.89.

3. L-intimata fis-seduta tad-9 ta' April, 2014 ikkonfermat li hija kellha taghti dan l-ammont ta' €146.89 lis-socjeta rikorrenti.

Ikkunsidra ulterjorment;

4. In vista ta' l-ammissjoni ta' l-intimata, t-Tribunal isib li t-talba tas-socjeta rikorrenti, hekk kif ridotta, hija misthoqqa u dovuta mill-istess intimata.

Ghalhekk, it-Tribunal, in vista ta' l-ammissjoni ta' l-intimata, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif ridotta u konsegwentement jikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' mija sitta u erbghin euro u disgha u tmenin ċenteżmi ta' euro [€146.89] bl-imghaxijiet legali kif mitluba u cioe mid-data ta' meta l-ammont reklamat, hekk kif ridott, sar dovut sad-data tal-pagament effettiv ta' l-istess ammont.

L-ispejjez huma kollha a kariku tal-intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------